# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Omar Zammit]

vs

Mario Azzopardi

**Kumpilazzjoni Numru: 528/22**

**Illum, 15 ta' Dicembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 196486M

1) Akkuzat talli nhar 02 ta' Settembru 2022 ghall-habta ta' 18:15hrs gewwa z-Zurrieq, kkaguna lill-mara tieghu Carmen Azzopardi biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha u dan bi ksur ta' artikolu 251(3); 251H; 251HA, 222(1)(a); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali ta' Malta lill-mara tieghu Carmen Azzopardi, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artiklu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mario Azzopardi ghall-beneficcju ta' Carmen Azzopardi u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-

Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Carmen Azzopardi u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' 251(3); 251H; 251HA, 222(1)(a); 202(h) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta, 412C, 382A, 383, 384, 385, 412D, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni, wara li rat ir-rapport tal-Probation Officer u wara li rat li l-partijiet irrikonciljaw, il-Qorti qed issib lill-imputat Mario Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2), kif ukoll flimkien ma' Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) ukoll u liema ordnijiet qed jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**